

21999D0156

L 61/4

IL-ĠURNAL UFFIċJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.3.2001

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 156/1999****tas-26 ta' Novembru 1999**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjonijiet tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għaliex bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 143/1999 tal-5 ta' Novembru 1999 <sup>(1)</sup>.
- (2) D-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/7/KE tas-26 ta' Jannar 1999 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE dwar apparat li jidderieġi għal vetturi bil-makna u t-trejlers tagħhom <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠE]:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 6 (Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE) fil-Kapitolu I ta' l-Anness II għall-Ftehim:

**"– 399 L 0007:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/7/KE tas-26 ta' Jannar (ĠU L 40, tat-13.2.1999, p. 36).".

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/7/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-27 ta' Novembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 1999.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

N. v. LIECHTENSTEIN

<sup>(1)</sup> ĠU L 15, tat-18.1.2001, p. 36.

<sup>(2)</sup> ĠU L 40, tat-13.2.1999, p. 36.